# Ir-Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2018

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2018. Matul is-sena konċernata, saret il-ħatra ta' tnax il-membru ġdid għall-Kunsill billi tnax-il membru tal-Kunsill kienu servew għal-żewġ perijodi ta' tliet snin (sitt snin b'kollox) u għalhekk skont Art 5(2) tal-Att XX tal-2011 ma setgħux ikomplu fil-kariga tagħhom.

Meta saret l-għażla tal-membri l-ġodda ttieħed f'kunsiderazzjoni l-bilanċ tal- ġeneru – fil-fatt mit-12-il membru ġodda li nħatru, 6 huma ta' sess femminili, biex issa minn 15-il membru seba' huma femminili.

Iddaħħlu ukoll membri tat-tieni ġenerazzjoni, kif ukoll membri minn pajjiżi ġodda bħal Franza u l-Emerati Għarab Magħquda.

Il-membri l-ġodda ġew maħtura f'Ottubru 2018 u l-Kunsill ġie ffurmat hekk:

**Iċ-*Ċerpersin* tal-Kunsill**

L-Onor Carmelo Abela, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ

***Il-Membri tal-Kunsill***

Is-Sur Angelo Grima
Is-Sa Anita Grillo
Mrs Antonella Berry-Brincat
Is-Sur Brandon Azzopardi
Is-Sa Claudia Caruana
Is-Sur Denis Muniglia
Is-Sa Edwidge Borg
Is-Sur Emanuel Camilleri
Id-Dott Josephine Ann Cutajar
Is-Sa Marie-Louise Previtera
Is-Sur Mario M Sammut
Is-Sur Shane Delia
Il-Prof Stephen Gatt
Is-Sa Susan Schembri

Segretarju tal-Kunsill: Is-Sur Joseph A Xerri

Il-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta żamm il-Laqgħa Annwali tiegħu nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 20 u 21 ta' Novembru 2018. Din kienet preseduta mill-Onorevoli Carmelo Abela, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ bħala Ċerpersin tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attendew il-membri kollha barra s-Sa Anita Grillo, Mrs Antonella Berry-Brincat u s-Sur Angelo Grima , li kienu skużati.

## 1.0 Id-Disa' Laqgħa tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

Id-Disa' Laqgħa tal-Kunsill f'Malta, skont Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011, saret fis-Sala Borg Olivier fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru u l-Erbgħa, 21 ta' Novembru 2018.

Minħabba li l-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill huma ġodda, it-temi prinċipali tal-Aġenda kienu marbuta mal-introduzzjoni tal-membri tal-Kunsill u spjegazzjoni tal-ħidma li kienet mistennija minnhom. Għalhekk fl-Aġenda ġew inklużi: spjegazzjoni dettaljata tal-Att XX tal-2011 u diversi proċeduri.

Ġew diskussi wkoll: il-Kumitati Reġjonali, reviżjoni tal-Att XX tal-2011; Kodiċi ta' Etika, Konvenzjoni 2020. Ingħata rendikont tal-ħidma li saret dwar id-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu fil-Laqgħa Annwali tas-sena ta' qabel (2017)

## 2.0 Deċiżjonijiet

Waqt il-Laqgħa tal-Kunsill ittieħdu dawn id-deċiżjonijiet:

### 2.1 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali għas-sena 2017

Il-Kunsill iddiskuta l-possibbiltà li dak li jkun wettaq l-istess Kunsill , kif ukoll il-minuti approvati tal-Kunsill, jitpoġġew fuq il-website tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ. Sar qbil li jekk ma hemm l-ebda projbizzjoni fil-Liġi li jsir dan, il-minuti kellhom jiġu ppublikati fuq dan il-website.

Ġiet ukoll diskussa l-possibbiltà li l-Kunsill ikollu l-Facebook tiegħu, iżda biex isir dan kien meħtieġ li jsiru tħejjijiet fosthom li jkun hemm linji gwida dwar t-tħaddim u amministrazzjoni ta' din il-paġna.

### 2.2 Rapport Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta

2.2.1 L-App The Malta Travel Point tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ kellu jiġi estiż biex joffri servizzi għall-bżonnijiet tad-Diaspora Maltija. Jekk possibbli kellu jkun hemm item speċifiku fuq dan l-App dedikat propju għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

2.2.2 Kellhom isiru diskussjonijiet ma' Identità' Malta dwar dawk il-Maltin li kienu emigraw lejn l-Afrika ta' Fuq, inkluż dawk li issa jinsabu f'pajjiżi diversi, fosthom fi Franza, biex jkunu mgħejuna jakkwistaw iċ-ċittadinanza Maltija.

2.2.3 Il-Kunsill qed jirrikmanda wkoll bdil fl-Att taċ-Ċittadinanza biex Maltin tal-Ħames u s-Sitt ġenerazzjoni, li ma jistgħux japplikaw għaċ-ċittadinanza minħabba li d-dokumenti tal-antenati tagħhom inqerdu, jkunu jistgħu japplikaw permezz ta' dokumenti alternattivi fosthom ċertifikati tal-magħmudija.

### 2.3 Rwol tas-Segretarjat tas-CMLA

Wara li saret diskussjoni dwar ir-rwol tas-segretarjat li jinkludu ż-żamma ta' Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola O) u r-Reġistru ta' Persuni Prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola P), ġie deċiż li l-Kunsill iħalli d-deċiżjoni ta' min jiġi aċċettat f'idejn is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ħlief f'każi fejn ikun hemm xi dubbji dwar l-applikanti. F'dan il-każ l-applikazzjoni trid tiġi diskussa mill-Kunsill qabel tiġi approvata jew miċħuda..

## 2.4 Viżjoni

Il-membri tal-Kunsill mitluba jagħtu l-viżjoni tagħhom dwar il-ħidma futura tal-Kunsill għamlu dawn is-suġġerimenti:

2.4.1 Li jsir programm fejn żgħażagħ Maltin li jgħixu barra minn Malta jiġu offruti żjarat f'Malta sponsorjati mill-Gvern biex dawn isiru jafu l-pajjiż tal-oriġini tagħhom aħjar. Wieħed jista' jipprova jagħmel ftehim bilaterali kif hemm mal-Istati Uniti li jipprovdi biex studenti jiġu Malta jistudjaw għal tliet xhur.

2.4.2 Il-ġenerazzjoni żagħżugħa fid-Diaspora Maltija tista' wkoll issir taf aktar dwar il-kultura Maltija permezz ta' attivitajiet kulturali, bħal ma huma l-festi, esibizzjonijiet eċċ, organizzati mill-komunitajiet Maltin. Il-Gvern jista' jgħin billi jipprovdi 'artifacts' biex jgħin f'dawn l-attivitajiet fosthom fl-organizzazzjoni ta' esibizzjonijiet u twaqqif ta' mużewijiet.

2.4.3 Li tiġi studjata l-possibbiltà li jsir ftehim mal-Gvern Awstraljan li jiftaħ il-bibien għal xi ħaddiema Maltin li jixtiequ jfittxu xogħol f'dak il-kontinent.

2.4.4 Qed ikun hemm diffikultà kbira biex jinstabu għalliema tal-ilsien Malti u għalhekk sar suġġeriment biex għalliema Maltin jiġu mħajjra biex fil-vaganzi tas-sajf jmorru jgħallmu f'dawn l-iskejjel.

2.4.5 Sar suġġeriment li l-Gvern Malti jipprova jilħaq ftehim mal-Gvern Kanadiż bħal dak li hemm mal-Awstralja dwar servizzi ta' saħħa.

## 2.5 Kodiċi ta' Etika għall-Membri tal-Kunsill

Il-Kunsill iddiskuta abbozz ta' Kodiċi ta' Etika għall-membri tal-Kunsill. Dawn il-Kodiċi ġew ifformulati bl-iskop li l-membri tal-Kunsill ikunu mgħejuna fit-twettiq tal-ħidma tagħhom. Wara li saru xi emendi dan il-Kodiċi ġie approvat u daħal fis-seħħ immedjatament.

## 2.6 **Il-Ħames Konvenzjoni għall-Maltin li jgħixu Barra minn Malta**

Wara li ngħata tagħrif dwar l-oriġini, l-organizzazzjoni u l-iskop tal-Konvenzjoni għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta mid-Direttur għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, saret diskussjoni dwar l-organizzazzjoni tal-Ħames Konvenzjoni għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta li ser issir fl-2020. Sar qbil li l-membri tal-Kunsill kellhom jissuġġerixxu targets speċifiċi għal din il-Konvenzjoni. Malli dawn it-targets jiġu approvati d-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kellu jidentifikaw persuni li jistgħu jippreparaw preżentazzjoni dwar is-suġġetti magħżula. Kellu wkoll mill-aktar fis jitwaqqaf Kumitat Organizzattiv biex jagħmel il-preparazzjonijiet meħtieġa għall-Konvenzjoni.

## 2.7 Twaqqif ta' Kunsilli Reġjonali

Wara diskussjoni fit-tul, sar qbil li jibda jitħaddem l-Art 5.5 tal-Att XX ta' 2011 li jittratta dwar it-twaqqif ta' Kunsilli Reġjonali. Skont dan l-artiklu, dawn il-Kunsilli għandhom ikunu esklussivament responsabbli u marbutin li jagħtu kont lejn il-Kunsill. L-għamla tagħhom għandha tkun fi ħdan il-kompetenza esklussiva tal-Kunsill.
L-għan prinċipali ta' dawn il-Kunsilli huwa li jkun hemm bdil ta' nformazzjoni mad- Diaspora Maltija. Fl-għażla tal-membri ta' dawn il-Kunsilli Reġjonali għandha tingħata

attenzjoni speċjali għal dawk ir-Reġjuni u stati li ma humiex direttament rappreżentati fil-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.
Sar qbil li jsir dokument dwar d-drittijiet, l-obbligi u r-responsabiltajiet, kif ukoll it-tħaddim ta' dawn il-Kunsilli. Wara li dan id-dokument ikun approvat għandhom jitwaqqfu l-ewwel Kumitati Reġjonali fil-pajjiżi, stati u reġjuni kif maqbul waqt il-Laqgħa.

### 2.8 Aġġornament tal-Att XX tal-2011

Fil-Laqgħat Annwali ta' qabel kienu diskussi proposti biex isiru xi emendi fil-Att XX tal-2011. Dawn l-aktar li kienu jittrattaw xi definizzjonijiet fosthom dik ta' komunità Maltija… Wara diskussjonijiet mal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, inħass li jkun aktar xieraq li, billi għadda ċertu żmien u saru ċertu żviluppi fil-qasam tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, li ssir reviżjoni sħiħa tal-Att u jekk jeħtieġ dan jiġi emendat.

Għalhekk ġie deċiż li kellha tibda ħidma biex fil-Laqgħa Annwali li jmiss jiġu ppreżentati l-emendi mixtieqa għall-Att XX tal-2011. Din il-ħidma kellha tinkludi konsultazzjoni ma diversi entitajiet fosthom il-kommunitajiet tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Inħatar sotto-kumitat minn fost il-membri tas-CMLA biex jieħdu ħsieb dan ix-xogħol, filwaqt li d-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu barra minn Malta kellu jidentifika konsulent legali biex jgħin f'din il-ħidma.

## 3.00 Ħidma

3.1 Matul is-sena 2018, id-Direttur tad-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kellhom diversi laqgħat biex jiddiskutu u safejn hu possibbli jgħinu biex jiġu mplimentati d-deċiżjonijiet li ttieħdu waqt il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta li saret f'Ottubru 2017.

Fost dawk li saru laqgħat magħhom kien hemm:
1. Il-Kummissarju tat-taxxi Interni, *is-Sur Marvin Gaerty*
2. Iċ-Ċermen Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar, *is-Sur Johann Buttigieg*
3. Il-Avukat Ġenerali, *Dott Peter Grech*
4. Ir-Rappreżentant tal-MUESEC: *Ms Lynn Marie Spiteri*
5. Rappreżentat tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni: *Sur Stephen Cachia, Direttur Ġenerali (Kurrikulu)*

F'dawn il-laqgħat ġew diskussi d-deċiżjonijiet li ttieħdu fl-aħħar Laqgħa Annwali tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu Barra li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-entitajiet.

### 3.2 Programm Consul on the Move

Wara li fil-fażi ta' prova dan il-programm kien ta' suċċess u kien hemm reazzjoni favorevoli, il-Kabinett approva memo tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ biex dan il-programm isir wieħed permanenti.
Bħalissa dan il-programm qed jiġi offrut f'ħames pajjiżi: l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada, ir-Renju Unit, l-Awstralja u l-Italja.
Fil-fażi ta' prova s-servizz ingħata prinċipalment f'lokalitajiet l-bogħod minn fejn hemm servizz stabbilit bħala ma huma Ambaxxati u Kummissjoni Għolja Maltin biex jintlaħqu

dawk il-kommunitajiet Maltin li kien jeħtiġilhom li jivvjaġġaw fit-tul biex jiksbu s-servizz ta' passaporti, ċittadinanza , eċċ.
Issa dan is-servizz ser jiġi estiż għall-bliet u lokalitajiet oħra. Attwalment diġà ġew identifikati l-ewwel lokalitajiet fejn ser jibda jingħata s-servizz tal-Consul on the Move.

### 3.3 Dewmien esaġerat fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza Maltija

Wara li l-Aġenzija Identità' Malta żiedet in-numru ta' impjegati, il-proċess tal-applikazzjonijiet tħaffef u l-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet kollha li kienu daħlu sa' Diċembru 2017 kienu ġew proċessati. Il-proċess qabad ritmu tajjeb b'żieda ta' kważi id-doppju u anke it-triplu ta' numru ta' applikazzjonijiet proċessati fuq is-snin ta' qabel.
Billi t-tul li jieħu l-proċess jiddependi wkoll fuq iż-żmien li jittieħed biex il-Unit tirċievi applikazzjonijiet mill-Ambaxxati, l-Ambaxxati u l-Konsulati ġew mitluba biex kemm jista jkun jieħdu mill-inqas żmien biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet u jgħaddu applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza lil_Identity Malta.

### 3.4 L-impatt tal-liġijiet dwar l-iżvilupp ta' proprjetà fuq il-Maltin li jgħixu barra minn Malta

Waqt il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill (2017) kien intwera tħassib dwar il-ħarsien tad-drittijiet ta' Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u li għandhom propjetà f'Malta.
L-Awtorità' tal-Ippjanar offriet li twaqqaf skema li permezz tagħha dawk kollha li għandhom interess f'xi propjetà f'Malta u Għawdex jkunu jistgħu jirreġistraw l-interess tagħhom mal-Awtorità tal-Ippjanar u malli din l-Awtorità tirċievi xi applikazzjoni għal xi xogħol fuq dik il-propjetà, min ikun irreġistra nteress f'dik il-propjetà, jiġi nformat dwar dan minn l-Awtorità tal-Ippjanar. Għal din ir-reġistrazzjoni mistennija jkun hemm xi ħlas żgħir. Dan jgħin biex ikun żgurat l-interessi tas-sid tal-propjetà jkunu mħarsa.
Mistennija li jsiru arranġamenti wkoll biex l-avviżi li jsiru mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-media lokali jkunu jistgħu wkoll jitwasslu lill-membri tas-CMLA, l-Ambaxxati u il- Konsulati.
Sar qbil ukoll biex fejn hu possibbli ż-żmien li fih ikunu jistgħu jsiru oġġezzjonijiet, eċċ jitwal għal 30 jum.

### 3.5 Reviżjoni tar-rati ta' taxxa fuq id-dħul applikabbli għal dawk mhux residenti f'Malta biex ikunu aktar ġusti u titneħħa in-natura eċċessivament punittiva tagħhom

Din il-materja kienet diskussa aktar minn darba mill-Kunsill, fejn xi kunsillieri lmentaw dwar il-fatt li, għalkemm ċittadini Maltin, huma kienu qed iħallsu l-istess taxxa bħal barranin.
Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, is-Sur Marvin Gaerty, ikkonferma, li billi Malta hija membru tal-Unjoni Ewropeja, mhux possibbli li ssir diskriminazzjoni bejn Maltin li jgħixu barra minn Malta u ċittadini tal-Unjoni Ewropeja oħra. Sadanittant, fuq deċiżjoni li kienet ittieħed fil-Laqgħa Annwali nkiseb tagħrif dwar ir-rata ta' taxxa applikabbli għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u barranin oħra, liema tagħrif ngħadda lill-membri tal-Kunsill.

### 3.6: Implimentazzjoni ta' Sistema t'Avviżi Kmieni

Il-proċess biex il-membri tal-Kunsill ikunu informati dwar żviluppi fil-qasam lokali, Nazzjonali u tal-EU dwar liġijiet, konsultazzjonijiet pubbliċi u materji oħra beda jitħaddem u mistenni li jkun estiż meta l-'Maltese Living Abroad Group jibda jiffunzjona.

### 3.7: Pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-lingwa Maltija

F'laqgħa li saret mas-Sur Stephen Cachia, Direttur Ġenerali (Kurrikulu - edukazzjoni) ġiet diskussa il-Pjattaforma Diġitali għat-tagħlim tal-Ilsien Malti. Is-Sur Cachia spjega li din il-pjattaforma hija parti minn proġett li jkopri elementi oħra. Bħalissa qed isiru l-aħħar preparamenti, fosthom billi jsiru abbozzi ta' lezzjonijiet (*sample lessons*) u prova ta' viżwali u tħejjiet oħra bil-mira li sal-aħħar ta' 2018 tinħareġ it-tender biex fis-sena 2019 din il-pjattaforma tibda titħaddem.

### 3.8 It-twaqqif tar-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola O) u r-reġistru ta' Persuni Prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola P)

Skont l-Art 10 (1-3) tal-Att XX tal-2011 tipprovdi għaż-żamma ta' Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola O) u r-Reġistru ta' Persuni Prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola P).
Wara diskussjonijiet fit-tul, il-Kunsill approva l-formuli tal-applikazzjonijiet għal dawn ir-reġistrazzjonijiet. Dawn tqassmu fid-diversi Ambaxxati u Konsulati, kif ukoll tpoġġew fuq il-website tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ. Bdejna nirċievu għadd ta' applikazzjonijiet, għalkemm wieħed kien jistenna li n-numru ta' dawk li japplikaw ikun akbar u għalhekk ser issir ħidma biex dan is-servizz ikun aktar magħruf fost id-Diaspora Maltija.

### 3.9: Servizz Bankarju għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

L-għeluq tal-uffiċji rappreżentattivi taż-żewġ Banek prinċipali Maltin fl-Awstralja u l-Kanada, ħoloq diffikultajiet u kien qed jaffettwa ħażin lill-emigranti Maltin, speċjalment dawk li m'humiex midħla tal-internet.
Għalhekk il-Kunsill kien iddeċieda li ssir ħidma biex wieħed jekk jista' jkun isib soluzzjoni għal din il-problema.
Saru laqgħat ma rappreżentanti tal-Bank of Valletta u l-HSBC dwar l-ilmenti minn Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ta' nuqqas ta servizz effiċjenti minn dawn il-Banek wara li f'dawn l-aħħar snin ingħalqu l-fergħat ta' dawn il-Banek fl-Awstralja u l-Kanada .
Il-Bank Of Valletta informana li kien poġġa dettalji kif il-klijenti jistgħu'u jikkuntattjaw lill-Bank u jressqu l-mistoqsijiet tagħhom. L-HSBC joffri servizz simili miċ-ċentru tagħhom fis-Swatar.

### 3.10: It-tagħlim tal-Istorja tal-Emigrazzjoni fl-Iskejjel Maltin.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni rriveda l-Kurrikulu Nazzjonali biex jinkludi t-tagħlim dwar l-Istorja tal-Emigrazzjoni fil-Livelli kollha tal-Edukazzjoni. It-tagħlim dwar l-istorja tal-Emigrazzjoni ssir ukoll f'xi korsijiet fl-Università ta' Malta.

### 3.11 Fondi tal-Unjoni Ewropea għal avvenimenti kulturali organizzati barra minn Malta għad-Diaspora Maltija

Kemm ilu jiltaqa' l-Kunsill, il-membri dejjem insistew dwar il-ħtieġa li l-kultura u l-ilsien Malti jkomplu jixterdu fost il-Maltin li jgħixu barra. Ċertu kommunitajiet kienu qed isibuha diffiċli biex ikomplu jagħmlu dan minħabba nuqqas ta' fondi u għalhekk dawn staqsew dwar il-possibilità li fondi tal-Unjoni Ewropea jiġu allokati għal dan il-għan.

Waqt il-laqgħa li saret mal- MEUSAC ġie spjegat li entitajiet ibbażati fl-Awstralja jew il-Kanada mhumiex eliġibbli biex jibbenifikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropejam bl-eċċezzjoni ta' ċertu tipi ta' proġetti taħt il-programmi ta' fondi Horizon 2020 u Erasmus+. Entitajiet fl-Awstralja u l-Kanada ma jistgħux japplikaw direttament bħala 'lead applicants' u jmexxu l-proġetti. Iżda huma jistgħu jibbenefikaw biss bħala partners.

Horizon 2020 hu il-programm ta' fondi Ewropew għar-riċerka u l-innovazzjoni li jippermetti riċerkaturi fl-Awstralja sabiex jipparteċipaw f'ċerti proġetti ta' riċerka finanzjati minn Horizon 2020.

Fil-qasam tal-Edukazzjoni u ż-Żgħażagħ, taħt il-programm Erasmus+, entitajiet ibbażati fl-Awstralja u l-Kanada, jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-programmi:

1. Attivitajiet Jean Monnet
2. Strategic Partnerships
3. Knowledge Alliances (entitajiet mill-Kanada mhumiex eliġibbli għal din il-kategorija)
4. Proġetti fil-qasam ta' Capacity Building fil-qasam taż-Żgħażagħ.

Iktar informazzjoni dwar dawn il-fondi tista' tinkiseb mill-Gwida tal-Programm Erasmus+ : Erasmus+ Programme Guide. Id-*deadlines* u kriterji ta' parteċipazzjoni ta' dawn il-programmi jistgħu jinbidlu minn sena għall-oħra.

Il-MEUSAC tista' toffri għajnuna fil-mili ta' formoli għall-applikazzjonijiet għall-fondi Ewropej basta tkun għaqda Maltija li tkun ħa tissottometti l-applikazzjoni. *Partners* għall-proġetti jistgħu jinstabu permezz tas-sit elettroniku SALTO.

### 3.12: Il-proposti dwar ir-Roadmap ippreżentati mis-sotto kumitat f' Diċembru 2016

Ir-Road Map bi proposti dwar il-ħidma tad-diversi entitajiet tal-Gvern Malti u entitajiet oħra biex jissaħħu r-relazzjonijiet mad-Diaspora Maltija u biex jittieħdu azzjonijiet favur l-istess Diaspora ġiet approvata. Mistenni li tibda ssir ħidma biex din tiġi mplimentata fis-snin li ġejjin.

### 3.13 Restrizzjonijiet tal-Malta Post dwar fdalijiet umani li ġew "cremated"

Maltin li jgħixu fl-Istati Uniti ġew irrifjutati milli jibgħatu l-urni bil-fdalijiet umani ta' dawk li jkunu kremati bil-Posta biex imbagħad jindifnu Malta.

Saret laqgħa, kif ukoll korrispondenza, dwar it-trasport tal-*human remains*, wara li jkunu kremati, iżda għalkemm ingħatjna nformazzjoni dwar it-trasport ta' dawn il-fdalijiet permezz ta' *transporters* privati, ma wasalniex fi ftehim biex dawn ikunu jistgħu jintbagħatu bil-posta. Għalhekk qed isir sforz biex isiru laqgħat oħra dwar din il-kwistjoni.

### 3.14: L-iffaċilitar ta' opportunitajiet għal persuni professjonali, artisti u kummerċjanti Maltin li jgħixu barra minn Malta biex jaqsmu t-talenti tagħhom ma' dawk li joqgħodu Malta

Il-Kunsill ħass li għandu jkun hemm iktar skambji bejn nies bħal avukati, kummerċjanti eċċ li jgħixu barra u dawk li joqgħodu Malta. Hemm ħafna xi jsir biex it-talenti li hemm, hemm barra, mhux biss inkunu nafu bihom imma li safejn nistgħu jkollna kontribut minnhom.

Il-'Maltese Living Abroad Coordinators Group' ser jaħdem biex jintlaħaq dan il-għan. Sadanittant il-membri tal-Kunsill ġew mħeġġa biex fejn hu meħtieġ jieħdu inizjattiva huma stess biex isiru skambji bejn iż-żewġ naħat.

**3.15 Il-ħtieġa ta' servizzi legali minn avukati f'Malta għall-bżonnijiet tal-Maltin li jgħixu barra**

Il-proposta li tiġi preparata u ppubblikata lista ta' avukati f'Malta li jkunu lesti li jaċċettaw xogħol legali li huwa relevanti għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u li din il-lista għandha tinżamm aġġornata u titpoġġa fuq il-websajt tal-Kamra tal-Avukati, ġiet diskussa mal-istess Kamra.

Il-President tal-Kamra għamilha ċara li l-Kamra ma setatx tpoġġi l-avukati f'kategoriji u, jew tistenna li l-avukati jindikaw il-settur legali li jippreferu. Dan barra l-fatt li minħabba il-protezzjoni tad-Data kien ikun meħtieġ li kull darba jinkiseb il-kunsens tal-avukati biex jibqgħu jew jitneħħew mil-lista.

**3.16 It-Tagħlim tal-Lingwa Maltija moderna. ---Neoloġiżmi fil-lingwa Maltija**

Saru laqgħat mad-Dipartiment tal-Malti tal-Università' ta' Malta u korrispondenza ma' Dr Thomas Pace, id-Direttur tal-Kunsill għall-Ilsien Malti dwar dawn it-temi. Skont l-aħħar informazzjoni minn għand Dr Michael Spagnol tal-Università' ta' Malta, u Dr Thomas Pace tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti, il-lista tar-riżorsi tal-Malti ġiet finalizzata u l-membri tal-Kunsill ingħataw l-*links* fejn wieħed jista' jsib il-lista ta' dawn ir-riżorsi.

**3.17 Ċittadini Maltin li twieldu f'Malta meta jmorru Malta għal kwalunkwe perjodu ta' żmien għandhom jingħataw l-istess "status" li jgawdu ċittadini Maltin li joqgħodu Malta**

Identity Malta mitluba jagħtuna r-reazzjoni tagħhom għal din il-proposta nfurmawna li:

3.17.1 Emigranti li jkunu se jiġu lura jgħixu Malta b'mod permanenti kif ukoll dawk li ġew għal perjodu qasir jistgħu japplikaw għal-karta ta' l-identità' Maltija. Meta japplikaw jiġi konfermat li huma għandhom dritt li jkollhom ċittadinanza Maltija jekk ikunu ħadu c-ċittadinanza tal-pajjiż ta' emigrazzjoni. F'dan ir-rigward jintalbu jġibu konferma mill-Unit taċ-Ċittadinanza, jekk din iċ-ċittadinanza jkunu ħaduha qabel l-10 ta' Frar tas-sena 2000. Jekk ħaduha wara kemm jippreżentaw iċ-ċertifikat tal-akkwist taċ-ċittadinanza.

3.17.2 Fir-rigward ta' l-indirizz, li huwa mandatorju li jitniżżel fuq il-karta tal-identità, fil-każ ta' dawk li jiġu għal perjodu qasir jkunu jista' jużaw l-indirizz ta' fejn joqogħdu temporanjament, dan sakemm jipprovdu dokument ta' kunsens mingħand il-propjetarju/inkwilin tal-indirizz li jkun qed jintuża jew inkella titlu tal-propjetà jekk din hija tagħhom.

3.17.3 Fiż-żewġ każi timtela il-formola kollha biex jiġu rreġistrati bħala votanti – biss l-eligibilita' tal-vot tiġi konfermata mill-Uffiċju Elettorali.

3.17.4 Jekk l-individwu kellu karta tal-identità qabel telaq minn Malta u din tkun saret wara s-2002 jekk ma jirritornahilniex ikun mitlub jagħmel rapport tal-pulizija li l-karta tal-identità li kellu hija mitlufa – f'dan il-każ hemm ħlas ta' 22 Euro.

**3.18 Diskussjoni dwar ċerta aspetti tal-Att XX tal-2011 u Proċeduri tal-Kunsill**

Waqt laqgħa li saret mal-Avukat Ġenerali dwar l-Att XX tal-2011, sar qbil li minflok ma nittrattaw biss il-kwistjoni tad-definizzjoni tal-kelma "komunità", issa li għadda ċertu żmien

minn fuq l-Att, issir reviżjoni kompleta tiegħu. Il-proċess biex isir dan għandu jieħu f'konsiderazzjoni il- proposti li diġà saru mill-membri tal-Kunsill, kif ukoll isiru konsultazzjonijiet ma dawk kollha li għandhom xi interess f'din il-materja.

**3.19 Għarfien dwar Malta u l-kultura Maltija mit-Tieni ġenerazzjoni 'il quddiem biex jikkwalifikaw għaċ-ċittadinanza Maltija**

Din il-proposta ġiet diskussa ma' Identity Malta li nfurmawna li l-introduzzjoni ta'għarfien dwar Malta u l-kultura Maltija mit-Tieni ġenerazzjoni 'il quddiem ma tistax tkun kundizzjoni biex wieħed jikkwalifika għaċ-ċittadinanza Maltija sakemm tali rekwiżit ma jiddaħħalx bħala parti mill-Liġi billi min jikkwalifika skont il-Liġi preżenti taċ-ċittadinanza jagħmel dan bi dritt.. Madankollu, ikun pass tajjeb jekk l-Ambaxxaturi u l-Konsli jaraw li meta jgħaddu iċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza lil dixxendenti Maltin, jibdew jgħaddulhom wkoll informazzjoni dwar *websites* ta' entitajiet uffiċjali Maltin li jagħtu informazzjoni ġenerali dwar il-ħajja f'Malta speċjalment dak li jirrigwarda storja u kultura u jkunu pprovduti b'informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-komunità Maltija li hija ferm attiva bil-ħsieb li xi wħud minn dawk li japplikaw u jiksbu ċ-ċittadinanza jinteressaw ruħhom f'dawn il-kommunitajiet billi dawn il-komunitajiet qed jixjieħu.

Sadanittant id-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta qed jipprepara ktejjeb bl-isem *Welcome to Malta... My Home* li ser jinkludi ukoll is-suġġerimenti li għamlu l-membri tal-Kunsill dwar dan is-suġġett.

**3.20.** Għadha qed issir ħidma biex naraw x'jista' jsir biex fejn hu possibbli jiġu mplimentati d-deċiżjonijiet l-oħra li ttieħdu waqt il-Laqgħa Annwali tal-2011.

**4.0 Ħidma mill-membri**

4.1 Matul is-sena ssir ħafna ħidma mill-membri tal-Kunsill fejn dawn ikomplu bix-xogħol li jkun inbeda waqt il-laqgħa tal-Kunsill f'Malta. Fost dawn kien hemm laqgħat ta' sotto-Kumitat li fformula r-Roadmap, kif ukoll dwar l-emendi għall-Att XX tal-2011. Permezz tal-kommunikazzjoni elettronika jsiru wkoll diskussjonijiet mill-membri dwar dawk il-materji li jħossu li huma mportanti li għandhom jiġu diskussi fil-Laqgħa Annwali li jmiss. Wara li jsir qbil dawn jiġu ppreżenta f'forma ta' Abbozz ta' Aġenda, li mbagħad tiġi finalizzata u approvata propju fil-ftuħ tal-Laqgħa Annwali. Dan barra l-ħidma li l-membri jagħmlu fil-kommunitajiet tagħhom.

**5.0 Laqgħat**

5.1 Matul is-sena saru diversi laqgħat bejn is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur tad-Direttorat għall-Maltin li jgħixu barra biex jikkoordinaw il-ħidma li kien meħtieġa ssir fl-interess tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta